## DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali mill-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament, il-Parlament Ewropew għandu jipprovdi lill-persuni kkonċernati l-informazzjoni li ġejja:

- Il-Parlament Ewropew huwa responsabbli mill-ipproċessarDirettorat Ġenerali għall-Persunal
  Direttorat A - Żvilupp tar-Riżorsi Umani
  Unità tar-Reklutaġġ u t-Trasferimenti tal-Persunal
  Persuna magħżula bħala responsabbli: Is-Sur Pierre-Antoine BARTHELEMY
  Posta elettronika: Interimaires@ep.europa.eu

- L-għan tal-ipproċessar huwa r-reklutaġġ ta' aġenti interim.Il-kategoriji tad-data użati fil-qafas ta' dan l-ipproċessar huma:data amministrattivi;

  - ✓ ritratti;
  - ✓ CV għall-kandidati proposti mill-aġenzija tax-xogħol temporanju ta' Strasburgu biss.

- Id-destinatarji tad-data huma:

  - ✓ il-kapijiet tal-unitajiet li għandhom bżonn iqabbdu personal interim;
  - ✓ l-unitajiet li jiġġestixxu r-riżorsi umani tad-Direttorati Ġenerali;
  - ✓ l-Unità tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Finanzjarji u Kontrolli;
  - ✓ ċ-ċentru tal-Akkreditazzjoni għall-baġġijiet għall-aċċess fil-postijiet tal-Parlament Ewropew.

  Fejn applikabbli:

  - ✓ l-awditur intern, il-Qorti tal-Awdituri, l-Ombudsman u l-OLAF.

  Għal dak li jirrigwarda l-Unjoni Ewropea, l-iskedi ta' prestazzjoni huma trażmessi lill-aġenziji tax-xogħol temporanju li kienu bagħtu l-persunal interim.

- Il-persuni kkonċernati jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' aċċess u ta' rettifika tad-data billi jagħmlu talba lill-persuna responsabbli mill-ipproċessar permezz tal-formularju li jinsab fl-indirizz li ġej: http://www.europarl.ep.ec/services/data_protect/Autres/Formulaire_exercice_droits_EN.doc

- Il-bażi ġuridika tal-proċedura hija r-Regolament Finanzjarju Nru 966/2012 flimkien mal-kuntratt qafas konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-aġenzija tax-xogħol

temporanju. Il-perjodi taż-żamma tad-data huwa dan li ġej: sentejn għall-aġenti mqabbda. Id-data personali tal-kandidati mhux magħżula hija distrutta fl-aħħar tal-proċedura ta' reklutaġġ. Fi kwalunkwe mument il-persuni kkonċernati jistgħu jirrikorru għand l-Uffiċċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew dataprotection@europarl.europa.eu u għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data edps@edps.europa.eu.